**20 ta' Jannar, 1989**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Hugh W. Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S. – President**
**Onor. Prof. Wallace Ph. Gulia LL.D., B.A., B.Sc., PH.C., M.A.(Amin) (MANCH) D.P.A.(LOND)**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Perit Arkitett Joseph Barbara

*versus*

Onorevoli Prim Ministru in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta

**Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem – Kostituzzjoni – Proprjetà – *War Damage Ordinance* – Abbrogazzjoni ta' – Kumpens – Azzjoni – Dritt**

*L-Att XXIX ta' l-1980 jikkostitwixxi kera tad-drittijiet fundamentali protetti mill-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni, u ċjoè d-dritt fundamentali għall-proprjetà. L-Att XXIX ta' l-1980 kien abbroga l-Ordinanza ta' l-1943 dwar il-ħsarat tal-Gwerra. B'dan il-mod, ir-rikorrent, li kellu kawża pendenti quddiem il-War Damage Commission għall-kumpens lilu dovut għall-ħsarat sofferti, ġie tilef id-dritt għal dak il-kumpens. Il-Qorti rriteniet li l-azzjonijiet eżerċitati mir-rikorrent kienu jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' proprjetà mobbli kif ikkontemplati fl-artikolu 315(a) tal-Kodiċi Ċivili u konsegwentement huma protetti mill-artikolu 37(1) tal-Kostituzzjoni.*

Il-Qorti: –

Rat ir-rikors ta' l-imsemmi A.I.C. Joseph Barbara ppreżentat fil-25 ta' Novembru, 1980, li bih – wara li ppremetta li hu għandu pendenti quddiem il-*War Damage Commission* "*claims*" għall-kumpens tal-ħsara tal-gwerra li sofrew il-fondi 2 sa 5 *Timber Wharf*, kantuniera ma' 77 sa 83 *Fisherman Street*, Marsa, illi għar-rigward ta' dawn il-"*claims*" hu għandu diversi kawżi pendenti kontra l-Kummissjoni u senjatament: (1) "Emanuele Barbara *et vs* Salvino Bugeja *noe*" (Ċitazzjoni 510/71 PAVS) pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell u kienet differita għall-21 ta' Novembru, 1988 (2) "Perit Arkitett Joseph Barbara *et vs* Segretarju tal-*War Damage Commission*" (Ċitazzjoni 490/72 PAVS) li ġiet differita "*sine die*" fil-11 ta' April, 1980 (3) "Perit Arkitett Joseph Barbara *et vs* Segretarju tal-*War Damage Commission*" (Rikors 1/78) pendenti quddiem il-Qorti ta' l-Appell, differita "*sine die*" fit-30 ta' Novembru, 1979 (4) "Perit Arkitett Joseph Barbara *et vs* Segretarju tal-*War Damage Commission*" (*Ċitazzjoni* 1196/80) pendenti quddiem il-Qorti Ċivili Prim'Awla, għadha mingħajr appuntament (5) "Perit Arkitett Joseph Barbara *et vs* Spiridione Farrugia *noe*" (Rikors 1/66) pendenti quddiem il-Kunsill Privat tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li tagħha għadha qiegħda ssir it-traduzzjoni ta' l-atti, li fis-Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Numru 13780 tal-31 ta' Ottubru, 1980, ġie ppubblikat Att Numru XXIX intitolat "Att biex iħassar l-Ordinanza ta' l-1943 dwar *il-ħsarat tal-Gwerra*", *illi bir-revoka ta' l-Ordinanza* msemmija sejra tispiċċa għal kollox il-*War Damage Commission* u r-rikorrent jiġi f'pożizzjoni li ma jitkomplewx il-kawżi, fuq imsemmija, kif ġara diġà f'waħda mill-kawżi fuq imsemmijin meta l-Qorti ta' l-Appell irrifjutat tisma' l-kawża għaliex ma kinitx kostitwita l-Kummissjoni, illi ġara wkoll li s-Segretarju tal-*War Damage Commission* diversi drabi rrifjuta li jaċċetta notifika ta' atti ġudizzjarji għaliex il-Kummissjoni ma kinitx

kostitwita, illi l-imsemmija liġi ħadet ħsieb biex tipproteġi u tissalvagwarda d-drittijiet tal-Kummissjoni, fil-waqt li eliminat għal kollox ċerti drittijiet taċ-ċittadini bħal ma huma dawk tar-rikorrent, difatti, l-artikolu 6 jiddisponi li d-dejn u d-drittijiet l-oħra li, immedjatament qabel il-jum stabbilit, kienu dovuti lil jew kienu tal-Kummissjoni jew kienu minnha eżerċitabbli għandhom, b'effett mill-jum stabbilit, ikunu dovuti lil jew vestiti fil-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja u jkunu eżerċitabbli minnu bl-istess mod, kemm jista' jkun, daqs li kieku hu kien il-Kummissjoni, u l-Ordinanza ma tkunx ġiet imħassar, – dana, ċjoè nonostante r-revoka ta' l-Ordinanza, illi dan l-artikolu fl-effett tiegħu diskriminatorju favur il-Kummissjoni u kontra ċ-ċittadin juri li ċ-ċittadin mhux se jkollu l-protezzjoni neċessarja tad-drittijiet tiegħu, fil-każ tar-rikorrent hu mhux se jkun jista' jkompli l-kawżi, u f'każ ipoteku li jirnexxilu jkomplihom, jekk ikollu eżitu pożittiv għalih mhux se jkollu l-mezz li jesegwixxi dak li jkun rebaħ: difatti l-Ordinanza sa tiġi rrevokata, l-Kummissjoni mhux se tibqa' teżisti, is-Segretarju tagħha se jkollu biss il-mansjoni li jiddepożita l-flus il-Qorti u jieħu ħsieb l-Arkivju tal-Kummissjoni, u l-poteri tal-Kummissjoni se jiġu vestiti fil-Ministru b'mod limitat għal dak li jaqbel lill-Kummissjoni biss, li skond l-artikolu 40(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, taħt id-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali ta' l-Individwu, r-rikorrent għandu d-dritt li l-kawżi msemmija għandhom jiġu mogħtija smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli, u l-Att sejjer jinnewtralizza għal kollox l-imsemmi dritt tiegħu u illi l-Att imsemmi sejjer inoltre jilledi d-drittijiet tar-rikorrent naxxenti mill-artikolu 3 tal-Kostituzzjoni għaliex sejjer jipprivah mid-dritt li jesegwixxi sentenza talvolta għalih favorevoli u dana mingħajr il-ħlas ta' kumpens xieraq, talab li din il-Qorti tiddikjara li l-imsemmi Att, għar-raġunijiet imsemmija, jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem protett

mill-Kostituzzjoni, u tagħti dawk ir-rimedji kollha neċessarji, tagħmel dawk l-*ordnijiet*, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xieraq sabiex id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent fuq imsemmija jiġu protetti u salvagwardati, skond l-artikolu 47(2) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta, anke, jekk hemm bżonn, billi tiddikjara l-imsemmi Att null u antikostituzzjonali, bl-ispejjeż;

Rat ir-risposta ta' l-Onorevoli Prim Ministru in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta ta' l-1 ta' Diċembru, 1980, li biha ssottometta li t-talbiet tar-rikorrent huma intempestivi u bla ebda bażi fil-liġi u fil-fatt għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż għar-raġunijiet segwenti:

1. Ir-rikorrent bħal kwalunkwe persuna oħra li rċeviet jew li kienet qed titlob li tirċievi xi flus taħt il-*War Damage Ordinance* 1943 ma għandux xi dritt vestit għal dawk il-flejjes, għaliex dan huwa ħlas *"ex gratia"* taħt forma ta' *"compensation scheme"*;

2. Salv u impreġudikat il-premess, ir-rikorrent qed jassumi li l-liġi in kwistjoni tista' tippreġudikalu xi drittijiet. Din hija allegazjoni kapzjuża għax dik il-liġi m'hi sejra tippreġudika l-ebda dritt;

3. Ir-rikorrent lanqas jista' jgħid li l-liġi li qed jattakka se tilledilu xi dritt fundamentali enunzjat fl-artikolu 40(2) tal-Kostituzzjoni, għax, kif qed jallega, hu mhux se jibqagħlu aċċess għall-Qorti li taqta' l-każ b'mod imparzjali u fi żmien qasir. Fil-fatt din il-liġi tipprovdi għal *"adjudicating authority"*; is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 5 tal-liġi jipprovdi *"adjudicating authority prescribed by law"* imsemmi fl-artikolu 40(2) tal-Kostituzzjoni. Dan jidher ukoll mis-subparagrafu (b) tas-

subartikolu 5 ta' l-artikolu 5 ta' l-istess liġi;

4. Ir-rikorrent anqas ma jista' jilmenta li l-liġi li qed jattakka se tneħħilu xi dritt fundamentali kif protett bl-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni, għal dawn ir-raġunijiet: (a) ma hemm l-ebda esproprjazzjoni ta' xi proprjetà jew dritt jew interess fuq proprjetà (b) ma hemm l-ebda ordni jew sentenza ta' esproprjazzjoni ta' dik il-proprjetà (ċ) għaliex din il-liġi qed issir in applikazzjoni tal-proviso tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni li jgħid li l-Parlament f'każijiet speċjali jista' jistabilixxi l-kriterji li għandhom jiġu segwiti (d) il-paragrafu (j) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni jgħid li: *"nothing in this section shall effect the making or operation of any law..... with respect to the limitations of actions"*;

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili, Prim'Awla fl-ismijiet premessi fl-erbgħa (4) ta' Ġunju, 1985 li biha ċaħdet l-eċċezzjoni ta' l-intimat li t-talbiet tar-rikorrenti huma intempestivi u billi ċaħdet ukoll l-eċċezzjoni l-oħra ta' l-intimat li r-rikorrent m'għandux xi dritt vestit għall-ħlas ta' flus taħt il-*War Damage Ordinance* 1943 għax dan hu ħlas *"ex gratia"*, taħt forma ta' *"Compensation Scheme"* u tiddeċidi wkoll l-ewwel talba tar-rikorrent billi tiddikjara li l-imsemmi Att XXIX ta' l-1980 għar-raġunijiet fuq imsemmija jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem pretiżi mir-rikorrent taħt l-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni iżda ma jikkostitwix ksur tad-drittijiet pretiżi minnu taħt l-artikolu 40(2) ta' l-istess Kostituzzjoni u ddifferiet il-kawża għas-27 ta' Ġunju, 1985 għall-kontinwazzjoni skond il-liġi – u ordnat li l-ispejjeż jibqgħu riżervati għas-sentenza finali, u dan wara li rat u kkunsidrat dak li ġej:

Fir-risposta tiegħu l-intimat qiegħed jissottometti li t-talbiet tar-rikorrent huma intempestivi. Din l-eċċezzjoni qatt ma ġiet spjegata jew b'xi mod sostnuta mill-istess intimat. Il-Qorti tifhem li billi, meta ġiet issollevata, l-Att XXIX ta' l-1980 kien għadu ma daħalx *in vigore*, kienet dina r-raġuni l-għala l-intimat kien allura qiegħed jikkontendi li t-talbiet kienu intempestivi. Apparti l-fatt li l-Att in kwistjoni daħal in segwitu *in vigore* ċjoè fil-15 ta' Ġunju, 1981 bl-Avviż Legali 57 ta' l-1981 u għalhekk ċertament illum ma jistax jingħad li t-talbiet huma intempestivi, l-artikolu 47(1) jagħti r-rimedju hemm kontemplat mhux biss lil kull persuna li tallega li xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 34 sa 46 tal-Kostituzzjoni tkun ġiet miksura dwarha, iżda anke lil kull persuna li tallega li d-disposizzjoni "tkun qed tiġi jew tkun aktarx ser tiġi miksura dwarha" u għalhekk huwa evidenti li r-rikorrent ma pproponiex l-azzjoni preżenti intempestivament. L-imsemmija eċċezzjoni għalhekk m'hiex *fondata*;

L-intimat qiegħed jissottometti wkoll li kwalunkwe persuna li rċeviet jew li kienet qed titlob li tirċievi xi flus taħt il-*War Damage Ordinance* 1943 m'għandhiex xi dritt vestit għal dawk il-flejjes billi l-ħlas hu "*ex gratia*" taħt forma ta' "*compensation scheme*" u kwindi r-rikorrenti ma jistax jilmenta li kellu xi drittijiet taħt dik l-Ordinanza li qegħdin jiġu vjolati bl-Att XXIX ta' l-1980. Fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tiegħu a fol. 26 u 27 tal-proċess l-intimat iċċita *in extenso* mid-"*Debates of the Council of Government of Malta*" u ċċita wkoll l-artikolu 71 tal-*War Damage Ordinance* 1943 in sostenn ta' l-imsemmija eċċezzjoni tiegħu;

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa dak li ntqal fil-Kunsill tal-Gvern kif ukoll id-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza III ta' l-1943 dwar

il-Ħsarat tal-Gwerra kif ukoll dawk ta' l-Att XXIX ta' l-1980 iżda ma tarax li tista' taċċetta l-imsemmija sottomissjoni ta' l-intimat;

Meta annunzja fil-Kunsill tal-Gvern l-għotja ta' £10,000,000 mill-Gvern Ingliż *(Debates of Council of Government, Third Session, Sitting No. 40, 10th April, 1942*, paġna 1042) l-*Acting Lieutenant Governor* qara *statement* maħruġ mill-Gvern Ingliż li kien jgħid *inter alia: "The gift will be available for meeting liabilities under legislation which, with the approval of Her Majesty's Government, the Government of Malta has just been put (sic) before the Council of Government providing for schemes of compensation for war damage....."* u iktar tard *".....If on the other hand the total liability of the Malta Government for compensation and rebuilding, after allowing for contribution from property owners, exceeds the sum of £10,000,000, His Majesty's Government will be prepared to make available such further sums as may be required to meet liabilities which are found in the circumstances as existing after the war to be beyond the capacity of the Government of Malta to meet from its own resources....."*;

Fl-istess seduta l-*legal Secretary* qal (paġna 1046): *"But now it is held* ***as may be seen from the provisions of this Bill*** *that war damage must be considered as a* ***communal responsibility.*** *There can be no more of the old doctrine that the suffering man must look after himself. We are each of us his brother's keeper and the main principle of this bill is that the responsibility for restoring damaged buildings and giving compensation must be a* ***communal responsibility";***

Minn eżami tad-diversi disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza III

ta' l-1943 jidher ċar li ċerti *drittijiet* kienu qegħdin jiġu kkonferiti b'liġi fuq dawk li sofrew il-ħsarat tal-gwerra. Hekk, per eżempju, l-artikolu 22(1) jikkontempla **d-dritt** għall-ħlas ta' *"transferee"* tal-proprjetà meta *t-trasferiment* ikun sar bejn meta ġrat il-ħsara u ż-żmien meta l-Kummissjoni għall-Ħsarat tal-Gwerra tiddeċidi li taħgmel il-ħlas ta' valur *("value payment")*. Hekk ukoll l-artikolu *32 jikkontempla* ċ-ċessjoni tad-**dritt** għall-ħlas taħt it-Taqsima I ta' l-Ordinanza u l-artikolu 33 jikkontempla ***inter alia*** d-depożitu fil-Qorti tas-somma dovuta meta **d-dritt** għall-*pagament* **ikun pretiż** minn aktar minn persuna waħda jew meta l-Kummissjoni ma tkunx tista' tiżgura ruħha lil min dak il-jedd imiss. L-artikolu 69 jiddisponi wkoll illi *d-drittijiet* taħt it-*Taqsima* I *ta'* l-*Ordinanza* huma *inforzabbli* għalkemm *ikun* hemm it-trasmisszjoni ta' jedd ta' proprjetà;

Konferma tal-fatt illi l-Ordinana III *ta'* l-1943 kienet qiegħda tikkonferixxi jeddijiet wieħed isibha anke f'*diversi* disposizzjonijiet ta' l-Att XXIX ta' l-1980 li ħassret l-imsemmija Ordinanza. Per eżempju, l-artikolu 3(2)(a) ta' l-Att jikkontempla d-depożitu hemm imsemmi f'isem min għandu jsir meta dak *li* jkun *għamel* it-talba *("claim")* oriġinarjament ikun miet jew ikun ittrasferixxa jew xort'oħra ddispona mill-**jeddijiet** tiegħu taħt l-Ordinanza. Hekk ukoll l-artikolu 5(1) *jiddisponi* li minkejja *t-tħassir ta'* l-Ordinanza l-flejjes kollha ddepożitati fil-Qorti jibqgħu li għandhom jitħallsu lill-persuna li kieku ma kienx dak it-tħassir kien ikollu **dritt** għal*ihom*. L-artikolu 5(2)(b)(1) *imbagħad igħid li fl-għoti ta'* kull *direttiva* l-*Ministru għandu* fil-każijiet kollha jqis il-**jeddijiet** ta' kull persuna li fil-fehma tiegħu jkollha interess f'xi *parti* tad-depożitu;

Huwa evidenti minn dak kollu li ntqal fuq li l-Ordinanza III ta' l-1943 *ikkonferiet ċerti* drittijiet għall-ħlas u dana appuntu

in vista ta' dik il-"*communal responsibility*" imsemmija fil-Kunsill tal-Gvern. Il-komunità kellha responsabbilità versu dawk li sofrew ħsarat tal-gwerra u in vista ta' din ir-responsabbilità l-liġi bl-Ordinanza III ta' l-1943 kienet qiegħda tagħtihom ċerti drittijiet;

Il-flus għal biex tiġi sodisfatta l-imsemmija "*communal responsibility*" ġew mill-għotja tal-Gvern Ingliż u mill-kontribuzzjonijiet li kellhom isiru taħt l-istess Ordinanza iżda dan ma jfissirx li b'daqshekk il-ħlas taħt l-Ordinanza kien qed isir *ex gratia*. Kieku dik l-Ordinanza riedet li l-pagamenti li kellhom isiru taħtha jkunu *ex gratia* kienet tesprimi ruħha xort'oħra iżda, kif ingħad, l-Ordinanza bid-diversi disposizzjonijiet tagħha, ikkonferiet drittijiet għall-ħlas u għalhekk l-imsemmija eċċezzjoni ta' l-intimat hija infondata;

Għandu jiżdied li l-artikolu 71 ta' l-Ordinanza ċċitat mill-intimat ma jbiddel l-ebda mod l-imsemmija konklużjoni raġġunta mill-Qorti. Dak l-artikolu ried jagħmilha ċara li għalkemm kienu qegħdin jitħallsu kontribuzzjonijiet taħt it-Taqsima I ta' l-Ordinanza, dan ma kellux ifisser li kien qed jinħoloq xi kuntratt ta' sigurtà jew indenniz. L-imsemmi artikolu espressament eskluda li setgħu jiġu avvanzati xi pretensjonijiet a bażi ta' kuntratt simili billi l-ebda kuntratt simili ma kien qed jinħoloq iżda ma eskluda bl-ebda mod dawk id-drittijiet għall-ħlas li l-Ordinanza, fid-disposizzjonijiet l-oħra tagħha, kienet qiegħda tikkonferixxi fuq min sofra ħsarat tal-gwerra. Fi kliem oħra, min sofra ħsarat tal-gwerra ġie mogħti dritt għall-ħlass bid-disposizzjonijiet stess ta' l-Ordinanza, li tat dana d-dritt in vista tal-"*communal responsibility*" fuq imsemmija iżda ma kellux dritt għall-ħlas minħabba xi kuntratt ta' sigurtà jew indenniz li talvolta seta' forsi jiġi argumentat li jeżisti minħabba l-

*kontribuzzjonijiet* li tħallsu taħt l-Ordinanza billi, bl-artikolu 71 dawk il-kontribuzzjonijiet ma kinux qegħdin jiġu kkunsidrati bħala *premiums* ta' sigurtà u billi bl-istess artikolu 71 kien qed jiġi eskluż kwalunkwe kuntratt ta' sigurtà jew indenniz;

Ikkunsidrat:

Ir-rikorrent qiegħed jissottometti illi l-Att XXIX ta' l-1980 qiegħed jilledilu d-drittijiet tiegħu taħt l-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni billi mhux se jkun jista' jkompli l-kawżi minnu msemmija fir-rikors promotorju tal-ġudizzju u, f'każ ipotetiku li jirnexxilu jkomplihom, ma jkunx jista' jesegwixxi s-sentenza talvolta favorevoli għalih u dana mingħajr il-ħlas ta' kumpens xieraq. Min-naħa tiegħu l-intimat qed isostni li ma kien hemm ebda esproprjazzjoni ta' proprjetà;

L-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni jiddisponi li "ebda proprjetà ta' kull xorta li jkun, ma għandu jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju u ebda nteress fi jew dritt fuq proprjetà ta' kull xorta li tkun ma għandu jiġi miksub, b'mod obbligatorju ħlief...";

Jidher minn eżami tal-kliem fuq ċitati ta' l-artikolu 38(1) li biex jista' jiġi nvokat dak l-artikolu jeħtieġ (1) li jkun hemm proprjetà jew interess fi jew dritt fuq proprjetà u (2) illi l-proprjetà tittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju. Jekk ikun jonqos anke wieħed mill-imsemmija żewġ elementi, l-imsemmi artikolu 38(1) ma jkunx jista' jiġi nvokat;

Din il-Qorti, wara li rriflettiet fit-tul, hi tal-fehma li l-imsemmija żewġ elementi jikkonkorru f'dan il-każ għal dawn ir-raġunijiet;

Kwantu għall-**ewwel** element, il-Qorti tosserva li l-artikolu 344 tal-Kodiċi Ċivili jiddisponi li l-ħwejjeġ kollha illi jistgħu jkunu l-oġġett ta' proprjetà pubblika jew privata huma beni mobbli jew immobbli u l-istess Kodiċi mbagħad jgħaddi biex jgħid x'inhuma immobbli u x'inhuma mobbli (artikoli 345 sa 356). Ma jidhirx li l-azzjonijiet li qiegħed jeżerċita r-rikorrent fil-kawżi msemmija fir-rikors tiegħu (apparti l-kwistjoni tal-fondatezza tagħhom o meno) jistgħu jaqgħu taħt id-disposizzjonijiet tal-liġi li jirrigwardaw x'inhuma beni mmobbli iżda kwantu għall-beni mobbli l-artikolu 352 jiddisponi li huma mobbli għaliex hekk tqishom il-liġi – "... (ċ) in ġenerali, l-obbligazzjonijiet kollha, **l-azzjonijiet** ukoll ipotekarji u l-jeddijiet li ma jitqisux bħala mmobbli taħt id-diposizzjonijiet tas-Subtitlu ta'.qabel dan";

Għalhekk l-azzjonijiet eżerċitati mir-rikorrenti (salv dejjem il-kwistjoni tal-fondatezza tagħhom o meno) huma skond il-liġi tagħna ħwejjeġ mobbli u bħala tali għandhom jaqgħu taħt il-kelma "proprjetà" wżata fl-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni li, għandu jiġi nnotat, ma jillimitax ruħu għall-kelma "proprjetà" iżda iżid ukoll il-kliem "ta' kull xorta", kliem dawn li juru li l-Kostituzzjoni riedet li tingħata interpretazzjoni estensiva għall-kelma "proprjetà". Kwindi l-ewwel element fuq imsemmi huwa sodisfatt f'dan il-każ;

Kwantu għat-**tieni** element, minn eżami tad-disposizzjonijiet ta' l-Att XXIX ta' l-1980 jirriżulta illi r-rikorrent qiegħed jiġi spossessat mill-imsemmija azzjonijiet (apparti dejjem jekk hux fondati jew le). Infatti l-artikolu 4 ta' l-Att jiddisponi *inter alia* li "l-Ordinanza ta' l-1943 dwar il-Ħsarat tal-Gwerra hi b'dan imħassra" u iktar tard fl-artikolu 7 jingħad "ebda persuna ma tista' tagħmel xi talba taħt l-Ordinanza jew xort'oħra dwar ħsara tal-gwerra kif imfisser fl-Ordinanza ħlief kif ipprovdut

f'dan l-att u sa dak il-limitu''. Billi ma hemmx fl-Att ebda riserva għall-azzjonijiet ġà eżerċitati mir-rikorrent taħt l-Ordinanza ta' *l-1943, għalhekk dawn huma kolpiti mill-artikolu 7(1) ta' l-Att* u kwindi hemm dak it-''teħid forzuż'' ta' pussess ta' beni li, kif ingħad mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ''Edward Ferro vs *Housing Secretary'' 21 ta' Frar, 1977* (riportata fil-ktieb *Deċiżjonijiet* Kostituzzjonali 1964 – 1978, paġni 533 u 539) ''huwa l-oġġett speċifiku ta' l-artikolu 38'';

*L-imsemmija żewġ* rekwiżiti ta' l-artikolu 38(1) għalhekk, fil-fehma tal-Qorti, huma sodisfatti f'dan il-każ u billi l-Att XXIX ta' l-1980 ma jipprovdix għall-ħlas ta' kumpens xieraq *għat-teħid* forzuż tal-proprjetà *fuq imsemmija* tar-rikorrent, ċjoè ta' l-azzjonijiet fuq imsemmija, il-pretensjoni tar-rikorrent ibbażata fuq l-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni hija fondata;

*Għandu jiżdied* li l-proviso *tal-paragrafu (ċ) tas-subartikolu* (1) ta' l-artikolu 38 invokat mill-intimat fir-risposta tiegħu (fol. 8 tal-proċess, para. 4(ċ) ) ma jwassalx lill-Qorti biex tbiddel l-imsemmija konklużjoni tagħha. Dak il-proviso jirrigwarda l-kriterji li għandhom jitħarsu biex jiġi stabbilit il-kumpens li għandu jitħallas dwar proprjetà li jittieħed pussess tagħha jew li tiġi akkwistata b'mod obbligatorju iżda, kif ġà ngħad, fil-każ *preżenti l-ebda kumpens ma qiegħed jingħata u kwindi* l-kwistjoni ta' kriterji li għadhom jiġu segwiti għall-finijiet tal-fissazzjoni tal-kumpens ma tistax tqum;

L-intimat qiegħed jinvoka wkoll fir-risposta tiegħu l-paragrafu (j) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 38 tal-Kostituzzjoni li jeżenta mill-applikazzjoni ta' l-artikolu 38(1) liġijiet li *jirrigwardaw* il-preskrizzjoni ta' azzjonijiet. Iżda din is-sottomissjoni mhiex fondata billi bl-Att XXIX ta' l-1980 mhux

qegħdin jiġu ntrodotti xi preskrizzjonijiet ta' xi azzjonijiet imma r-rikorrent qiegħed jiġi ppruvat mill-azzjonijiet li huwa kien ġà intenta;

Għalhekk l-imsemmi Att XXIX ta' l-1980 jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tar-rikorrent ikkontemplati fl-artikolu 38(1) in kwantu li qiegħed jispossessah mill-azzjonijiet ġà minnu intentati mingħajr ma jipprovdi għall-kontinwazzjoni tagħhom;

Ir-rikorrent qiegħed jibbaża l-azzjoni tiegħu preżenti wkoll fuq l-artikolu 40(2) tal-Kostituzzjoni li jgħid *inter alia* li meta l-proċeduri għal deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi huma mibdija minn xi persuna quddiem Qorti, il-każ għandu jiġi mogħti smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli u qiegħed jippretendi li l-Att XXIX qiegħed jinnewtralizza d-dritt tiegħu, mogħti lilu bl-artikolu 40(2), li l-kawżi tiegħu jiġu mogħtija smigħ xieraq fi żmien raġonevoli;

Il-Qorti però hi tal-fehma li din il-pretensjoni tar-rikorrent mhiex fondata. Il-parti ta' l-artikolu 40(2), li għaliha saret riferenza hawn fuq, hija intiża biex tassikura l-osservanza fi proċeduri dwar drittijiet jew obbligazzjonijiet ċivili, tal-prinċipju tal-*"fair hearing"* u dan fi żmien raġonevoli u mhux qiegħda tirriferixxi għad-dritt ta' l-azzjoni *ut sic*. Fi kliem ieħor, qiegħda tippresupponi l-eżistenza ta' azzjoni dwar drittijiet jew obbligazzjonijiet ċivili u trid li f'dik l-azzjoni jkun hemm *"a fair hearing"* u li **in aġġunta** il-każ jinstema' fi żmien raġonevoli (Misrahi *vs* Cassar *et*, 10 ta' Ġunju, 1966 (paġni 164, 181 u 182, Deċiżjonijiet Kostituzzjonali 1964 – 1978); mentri l-każ preżenti huwa każ ta' azzjonijiet li ma jistgħux iżjed jiġu eżerċitati u li kwindi għar-raġunijiet fuq esposti, jaqa' taħt l-artikolu 38(1);

*Ir-rikorrenti* fir-rikors promotorju tal-ġudizzju qiegħed jitlob fl-ewwel lok li l-Qorti tiddikjara li l-imsemmi Att XXIX ta' l-1980 jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem protetti *mill-Kostituzzjoni u qed jitlob fit-tieni lok lill-Qorti tagħti r-rimedji* neċessarji. Il-partijiet ma għamlu ebda sottomissjonijiet dwar it-tieni talba fuq imsemmija u f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li jkun aktar ekwu u ġust li għal issa tiddeċidi biss *l-imsemmija* eċċezzjonijiet u l-ewwel talba, u wara li tisma' lill-kontendenti dwar it-tieni talba anki fid-dawl tal-konklużjonijiet minnha raġġunti fuq l-ewwel talba, tiddeċidi l-imsemmija tieni talba;

Rat ir-rikors ta' l-Appell ta' l-Onorevoli Prim Ministru in rappreżentanza *tal-Gvern ta' Malta* ppreżentat fit-13 ta' Ġunju, 1985, li bih talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza mogħtija fl-4 ta' Ġunju, 1985, mill-Qorti Ċivili Prim'Awla fir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet fuq imsemmija billi tikkonferma dik *il-parti tas-sentenza* fejn ċaħdet it-talba ta' l-appellat rigward l-allegazzjoni li l-Att XXIX ta' l-1980 jilledi l-artikolu 40(2) tal-Kostituzzjoni, u prevja l-akkoljiment ta' l-eċċezzjonijiet ta' l-appellant, tirrevoka *dik il-parti* ta' l-istess sentenza li ddikjarat li l-imsemmi Att XXIX ta' l-1980 jilledi l-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta hu għalhekk null u bla effett u minflok tiddikjarah validu skond il-Kostituzzjoni għax ma jilledi l-ebda *dritt ta'* l-appellat. Bl-ispejjeż kontra l-appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appell tal-Perit Arkitett Joseph Barbara ppreżentata *fis-27 ta' Ġunju, 1985*;

Rat l-atti kollha rilevanti u opportuni;

Ittrattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellant jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti kienet ċaħdet l-eċċezzjoni tiegħu u ċjoè li r-rikorrenti m'għandux xi dritt vestit għall-ħlas ta' flus taħt il-*War Damage Ordinance* 1943 billi l-ħlas magħmul taħt dik l-Ordinanza jsir *"ex gratia"* taħt forma ta' *"Compensation Scheme"*. Huwa jsostni li kemm fid-Dritt Internazzjonali kif ukoll fid-Dritt Privat, dikjarazzjoni ta' stat ta' Gwerra huwa att *"jure imperii"* u għalhekk il-Gvern m'għandux jiġi tenut jirrispondi għal xi talba ta' kumpens jew pretensjoni ta' ħlas ta' xi persuna li tkun sofriet xi preġudizzju minħabba l-istat ta' gwerra li l-pajjiż ikun sab ruħu fih;

Illi l-appellant isostni li dak li ġara, kien biss li l-Gvern Ingliż, ta rigal lil Malta wara l-aħħar gwerra dinjija ta' miljuni ta' liri biex jitqassmu lil dawk in-nies li kienu sofrew xi ħsarat fil-gwerra. L-Ordinanza ta' l-1943 stabbiliet ir-regolamenti u l-makkinarju biex jiġi assikurat li dawn il-flus jitqassmu b'mod ekwu u ġust, fost dawk in-nies. Il-*War Damage Commission* kellha teżamina kull talba għall-flus skond ir-regoli stabbiliti bl-istess Ordinanza. Fil-fatt ma kien hemm ebda obbligu legali la fid-Dritt Pubbliku u lanqas Privat li jorbot lill-Gvern Ingliż li jagħmel tajjeb għall-ħlas tal-ħsarat;

Illi l-frażi *"Comunal responsibility"* li ssemmiet fid-dibattitu tal-*Council of Government* fl-1943 ma tfissirx u ma tekwiparax lanqas b'mod remot, obbligu legali li kellu jorbot lill-Gvern tal-pajjiż (Ingliż jew Malti) biex iħallas u konsegwentement li jista' jiġi mġiegħel mill-Qrati biex iħallas lil xi ħadd għall-ħsarat tal-Gwerra li kienet riżultat ta' att meħud *"jure imperii"*. L-istess jista' jingħad dwar il-kelma *"liability"* li tirrikorri 'l hawn u

*'l hinn fid-dibattitu tal-Council of Government";*

Illi l-appellant jissottometti li dawk li jistgħu jibbenefikaw taħt l-Ordinanza ta' *l-1943*, huma dawk li kienu sofrew ħsarat fil-bini tagħhom jew fi ħwejjiġhom b'riżultat tal-Gwerra. Il-Gwerra kienet riżultat ta' dikjarazzjoni li l-istat kien ħa *"jure imperii"* u kwindi m'hemm l-ebda obbligazzjoni da parti tiegħu *li jagħmel tajjeb għall-istess* ħsarat. Ir-rigal ta' Lm10,000,000 mogħti mill-Gvern Ingliż lil Malta jixbah benefiċċju li jkun fondat minn xi filatropu li jkun stabbilixxa wkoll ir-regoli li jridu jiġu osservati minn min *jitlob li* jibbenefika taħtu;

Illi dak li jissottometti l-appellant dwar li l-Gvern ma jistax jiġi tenut responsabbli ċivilment f'*azzjoni ta'* danni esperiti kontra *tiegħu għall-ħsarat* sofferti bl-aħħar gwerra dinjija, huwa kollu minnu. Huwa qal li dikjarazzjoni ta' stat ta' gwerra huwa att *"jure imperii"* u dan ma jġibx miegħu ebda responsabbilità *għall-ħsarat li jistgħu jiġu sofferti* bħala konsegwenza. F'dan il-każ però l-pożizzjoni hija xort'oħra. In fatti kien il-Gvern Ingliż stess li f'dan il-każ ħoloq dawn id-drittijiet lin-nies li kienu sofrew ħsarat kawża tal-Gwerra, biex jiġu kkompensati ta' l-istess ħsarat. Minn kliem l-Aġent *Lieutenant Governor* ta' dak iż-żmien, jidher li l-Gvern Ingliż stess kien għoġbu jassumi r-responsabbilità tal-ħsarat sofferti mill-poplu Malti kawża tal-*Gwerra u kien ta d-dritt* lil kull *min sofra* dawn il-ħsarat li jitlob kompnesazzjoni biex jitħallas tagħhom. B'dan l-aġir il-Gvern Ingliż kien għoġbu jassumi din ir-responsabbilità mhux biss sa' l-ammont provdut sa *dak in-nhar* iżda fi kliem l-istess Aġnet *Lieutenant Governor,* hu kien ippreparat *"to make available further sums as may be required to meet liabilities which are found in the circumstances as existing after the war to be beyond the capacity of the Government of Malta to meet from its own*

*resources" (Debates of Council of Government – Sitting No. 40 – 10th April, 1942);*

Illi l-Gvern Ingliż konsapevoli mid-drittijiet tiegħu kif semma' l-appellant stess deherlu li għandu jirrinunzja għalihom u dan minħabba sens ta' responsabbilità li ħass taħt iċ-ċirkostanzi. L-istess *Legal Secretary* ta' dak iż-żmien qal li l-"*War Damage must be considered as a comunal responsibility. There can be no more of the Old Doctrine that the suffering man must look after himself. We are each of us his brother's keeper and the main principle of this Bill is that the responsibility for restoring damaged buildings and giving compensation must be a "comunal responsibility"* (Op. Ċit. p. 1046). Dak li ngħad minn dawn iż-żewġ persuni hija indikazzjoni ċara li l-Gvern Ingliż ma riedx jistaħba wara l-prinċipji ta' Dritt Internazzjonali u Dritt Privat kif semma l-appellant, iżda ried jagħmilha ċara li f'dan il-każ huwa kien qiegħed jikkonsidra li l-ħsarat "*de quo*" kienu responsabbilità tiegħu u li ried jagħmel tajjeb għalihom hu. Għal din ir-raġuni ġiet ippromulgata l-Ordinanza Nru. III ta' l-1943 iddenominata "Ordinanza li taħseb għall-ħlas tal-ħsarat tal-Gwerra li jsiru lill-bini u ħwejjeġ";

Illi jidher ukoll li l-Gvern Ingliż ried li l-flus jitħallsu lil dawk il-persuni li kienu sofrew ħsarat tal-Gwerra u dan b'mod ġust u ekwu. Għalbiex isir dan kienet saret l-Ordinanza fuq imsemmija. Bl-istess Ordinanza kienet ġiet kostitwita l-*War Damage Commission* u dan biex tkun tista' teżamina t-talbiet li jsirulha min-nies li kienu sofrew ħsarat. B'hekk inħolqot relazzjoni ġuridika bejn din il-Kummissjoni u l-persuni li kellhom dritt jibbenefikaw taħt l-Ordinanza. In fatti waqt li l-Kummissjoni kellha l-obbligu li tilqa' t-talbiet li jsirulha *ai termini* ta' l-istess Ordinanza, ingħata dritt lil dawk li kienu sofrew il-

ħsarat bil-Gwerra, u ċjoè li jibbenefikaw mill-istess Ordinanza. *L-obbligi imposti fuq il-War Damage Commission* joħorġu ċari mill-kliem użati fl-artikoli ta' l-istess Ordinanza. F'dawn l-artikoli nsibu użati dejjem il-kliem *"The Commission shall"* u mhux *"may"*. Issa fejn ikun hemm obbligu impost fuq xi persuna versu ħaddieħor dan jimporta dritt favur l-ieħor. Hekk fl-artikolu 18(1) ta' l-Ordinanza nsibu li *"Payments shall be awarded by the Commission subject to and in accordance with the provisions of Part I of this Ordinance in respect of War Damage to developed tenements during the risk periods"*;

Illi jidher bla dubju ta' xejn li mill-Ordinanza *III* ta' l-1943 stess *li din* qiegħda tikkonferixxi drittijiet lill-persuni li jikkwalifikaw għall-kumpens għal *"War Damage"* u dan hu konformi ma' dak li ntqal aktar 'il fuq rigward il-fatt li l-Gvern *Ingliż* kien ħass li għandu jassumi r-responsabbilità għall-ħsarat tal-Gwerra. In fatti l-artikolu 32 ta' l-istess Ordinanza jsemmi "il-jedd li wieħed idaħħal ħlas taħt it-Taqsima I ta' din l-Ordinanza dwar ħsarat tal-Gwerra jew sehem minn dan il-ħlas, jista' jiġi trasferit, twellija jew bis-saħħa tal-liġi....." Dan ifisser li wieħed mhux biss għandu dritt li jibbenefika taħt l-Ordinanza iżda għandu dritt ukoll li jċedi jew li b'xi mod ieħor jiddisponi mill-istess dritt. L-istess Ordinanza tikkontempla wkoll il-każ ta' meta aktar minn persuna waħda tkun qiegħda tavvanza *"claim"* għall-kumpens fuq l-istess ħaġa. F'dan il-każ jingħata d-dritt illi l-Kummissjoni "li tgħaddi għad-depożitu relattiv fir-Reġistru tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili jew xi Qorti oħra li tkun kompetenti f'xi ċirkostanzi speċjali, biex isir minnu skond il-liġi" (art. 32). Skond l-artikolu 69 imbagħad, id-drittijiet li *jaqgħu taħt* it-Taqsima ta' l-Ordinanza huma inforzabbli għalkemm ikun hemm it-trasmizzjoni ta' proprjetà sew jekk b'mewt u sew jekk ikun hemm tibdil fil-proprjetarju;

Illi kemm minn dak li qal l-Aġent *Lieutenant Governor* u l-*Legal Secretary* ta' dik iż-żmien kif ukoll mid-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza III ta' l-1943 jidher ċar li l-Gvern Ingliż ried li s-somma fuq imsemmija, tagħmel tajjeb għall-ħsarat tal-Gwerra sofferti mill-poplu Malti u dan in vista tal-fatt li huwa kien assuma r-responsabbilità vis-a-vis l-istess. Huwa deherlu li r-responsabbilità għall-istess kellha tkun assunta mill-komunità kollha. Dan ma għandu b'ebda mod ifisser li l-pagamenti li kellhom isiru taħt l-Ordinanza kienu qegħdin isiru "*ex gratia*". Minn eżami ta' l-istess Ordinanza minn imkien ma jidher li l-ħlas kellu jsir hekk;

Illi dan il-fatt imbagħad isib konferma wkoll mill-istess Att XXIX ta' l-1980 u partikolarment mill-artikolu 3(2)(a), 5(1) kif ukoll l-artikolu 5(2)(b)(1). Dan l-att kien promulgat biex iħassar l-Ordinanza ta' l-1943 dwar il-ħsarat tal-Gwerra u biex jipprovdi għal ħwejjeġ li huma konsegwenzjali jew inċidentali għal dan jew li huma konnessi miegħu. Issa skond l-artikolu (1) is-Segretarju tal-Kummissjoni kellu jiddepożita fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili dawk il-flus li jirriżultaw li jkunu biżżejjed biex jagħmlu tajjeb għal kull waħda mit-talbiet li jkunu għadhom pendenti. L-artikolu 3(2)(a) jirriferi għall-każ fejn min ikun għamel talba u sussegwentement ikun miet jew ikun ittrasferixxa jew xort'oħra ddispona mill-jeddijiet tiegħu taħt l-Ordinanza u jiddisponi li d-depożitu jista' jsir favur is-suċċessuri tiegħu jew xi aventi kawża tiegħu. L-artikolu 5(1) imbagħad jiddisponi li minkejja t-tħassir ta' l-Ordinanza l-flus iddepożitati għandhom jitħallsu lill-persuni li jkollhom dritt għalihom kieku ma kienx sar dak it-tħassir. Fl-aħħarnett l-artikolu 5(2)(b)(1) jimponi fuq ir-Reġistratur tal-Qrati Superjuri fil-għoti ta' kull direttiva tal-Ministru għall-ħlas, huwa għandu "Fil-każijiet kollha jħares il-jeddijiet ta' kull persuna li fil-fehma tiegħu jkollha interess f'xi

parti tad-depożitu bħallikieku l-Ordinanza ma tkunx ġiet *imħassra*;

Illi jista' jingħad ukoll li apparti dak kollu li ntqal fuq, kieku l-pożizzjoni kienet kif qiegħed jallega l-appellant, jiġifieri li l-ħlas kien *qiegħed* isir u kellu jsir "ex *gratia*" u li l-Ordinanza Nru. III ta' l-1943 ma kinitx kkonferiet ebda drittijiet, kieku ma kienx ikun hemm bżonn ta' l-istess Att XXIX ta' l-1980 biex iħassar l-Ordinanza ta' l-1943. F'dan il-każ kull ma kien ikun hemm bżonn kien li ma jsirx aktar pagamenti minn ċertu data. Għalhekk jidher li dan l-aggravju ta' l-appellant għandu jiġi miċħud;

Ikkunsidrat:

Illi fit-tieni lok l-appellant jilmenta wkoll li l-Ewwel Qorti kienet tat interpretazzjoni skorretta ta' l-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni u b'hekk kienet żbaljat meta ddikjarat li l-Att XXIX ta' l-1980 imur kontra l-istess artikolu. Huwa jissottometti li skond l-artikolu 3(1) kellu jsir depożitu biex jagħmel tajjeb għat-talbiet li jkunu għadhom pendenti quddiem il-Kummissjoni meta jibda jseħħ l-istess att. L-appellat però m'għandu ebda *claim* pendenti quddiem il-Kummissjoni, iżda għandu diversi kawżi li għamel wara li kien eażwrixxa l-"*permissible amount*" li kien maħruġ lilu mill-Kummissjoni. Dawn il-kawżi huma ntiżi biex huwa jerġa' jiftaħ il-"*Claim*" tiegħu oriġinali li kienet ġiet konkjuża u kompletament eżawrita;

Illi skond l-artikolu 7 ta' l-istess Att ma tistax issir ebda talba taħt l-Ordinanza tal-*War Damage* ħlief kif ipprovdut fl-att. Il-leġislatur kien ipproċeda b'dan il-mod biex ma jibqgħux isiru aktar kawżi u rikorsi inutilment lill-*War Damage Commission*

jew lil xi awtorità oħra msemmija fl-Ordinanza. Din il-miżura b'ebda mod ma tmur kontra l-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni;

Illi l-artikolu 38(1) jipprovdi t-teħid ta' pussess ta' proporjetà b'mod obbligatorju bla kumpens xieraq. Biex ikun hemm dan l-akkwist jew spussessament irid ikun hemm passaġġ ta' proprjetà mingħand is-sid jew pussessur tagħha għal għand is-sid jew pussessur il-ġdid. F'dan il-każ il-Gvern la ħa u lanqas akkwista ebda proprjetà mingħand ħadd. L-Att ta' l-1980 jgħid biss li m'għadhiex teżisti l-*"War Damage Ordinance"* għall-finijiet u effetti tal-liġi ħlief kif ipprovdut fl-istess Att. It-tneħħija ta' ċertu proċeduri ma jfissirx li xi ħadd ġie spussessat minn ħwejġu. F'dan il-każ ebda proprjetà tar-rikorrenti ma għaddietx għand il-Gvern;

Illi l-kwistjoni kollha quddiem il-Qorti mhiex jekk l-appellat għandux xi *claims* pendenti quddiem il-*War Damage Commission* iżda jekk l-Att Nru. XXIX ta' l-1980 jilledilux id-drittijiet tiegħu taħt l-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni. Dak li qiegħed jallega r-rikorrent fir-rikors promotorju tiegħu huwa li bħala konsegwenza ta' l-Att Nru. XXIX ta' l-1980 huwa mhux ser ikun f'pożizzjoni li jkompli l-kawżi tiegħu msemmija fir-Rikors u li f'każ ipotetiku ta' eżitu pożittiv għalih mhux ser ikun jista' jesegwixxi s-sentenza u dan mingħajr ma jingħatalu ebda kumpens xieraq;

Illi kif sewwa qalet l-ewwel Qorti l-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni jikkomprendi żewġ elementi. L-ewwelnett irid ikun hemm proprjetà jew interess fi jew dritt fuq proprjetà u fit-tieni lok li l-istess proprjetà jittieħed pussess tagħha b'mod obbligatorju. Issa l-azzjonijiet eżerċitati mir-rikorrenti fil-kawżi msemmija fir-rikors jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' proprjetà mobbli kif kontemplata fl-artikolu 352(ċ) (illum artikolu 315(e)

tal-Kodiċi Ċivili). Skond l-istess artikolu 315 "Huma mobbli għaliex hekk tqishom il-liġi u skond l-inċiż (ċ) "in ġenerali l-obbligazzjonijiet kollha, l-azzjonijiet ukoll ipotekarji, u l-jeddijiet li ma jitqisux bħala mmobbli taħt id-disposizzjonijiet tas-Sub-Titlu ta' qabel dan". Għalhekk l-azzjonijiet eżerċitati mir-rikorrent, apparti l-kwistjoni ta' l-eżitu tagħhom, jaqgħtu taħt il-kelma proprjetà wżata fl-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni. L-istess artikolu mal-kelma proprjetà jżid magħha wkoll il-kliem "ta' kull xorta" u dan il-fatt jagħti l-kelma proprjetà sinfikat aktar estenisv;

Illi skond l-artikolu 4 ta' l-Att XXIX ta' l-1980, l-Ordinanza III ta' l-1943 dwar il-ħsarat tal-gwerra ġiet imħassra u skond l-artikolu 7 ta' l-istess, ebda persuna ma tista' tagħmel xi talba taħt l-Ordinanza jew xort'oħra dwar ħsara tal-Gwerra kif imfissra fl-Ordinanza ħlief kif ipprovdut fl-istess Att. Issa, l-azzjonijiet tar-rikorrenti kienu ġà eżerċitati minnu taħt l-Ordinanza ta' l-1943 u fl-Att XXIX ta' l-1980 ma saret ebda riżerva għalihom. Dan jikkostitwixxi t-teħid forzuż ikkontemplat fl-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni. Għalhekk jikkonkorru ż-żewġt rekwiżiti ta' l-artikolu 38(1). Barra minn hekk l-istess Att XXIX ta' l-1980 ma jipprovdi ebda kumpens għat-teħid forzuż tal-proprjetà tar-rikorrenti konsistenti fl-azzjonijiet fuq imsemmija. Għal dawn ir-raġunijiet l-istess Att imur kontra l-artikolu 38(1) tal-Kostituzzjoni u kwindi anke dan l-aggravju ta' l-appellant qiegħed jiġi miċħud;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata kienet iddikjarat ukoll li l-att XXIX ta' l-1980 ma kienx jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti pretiżi minnu taħt l-artikolu

40(2) tal-Kostituzzjoni. L-appellat permezz tar-risposta tiegħu għall-petizzjoni ta' l-appellant qiegħed jappella inċidentalment fuq dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ġie ddikjarat hekk. Huwa jissottometti li permezz ta' l-Att *"de quo"*, il-Gvern kien ipprivah mid-dritt li l-kawżi msemmija jiġu mogħtija smigħ xieraq għeluq żmien raġonevoli. In fatti, għad li l-liġi ħarġet fl-1980 u hu kien ħa passi relattivament malajr, sallum, għadu ma ottjeniex id-dritt tiegħu li l-kawżi tiegħu jinstemgħu fi żmien raġonevoli. Iż-żmien li hu għadda fil-Qorti kien jitlob il-protezzjoni tad-drittijiet tiegħu kostituzzjonali kien żmien mitluf u dan jilledi d-drittijiet tiegħu taħt l-artikolu 40(2) tal-Kostituzzjoni;

Illi din il-Qorti bħall-ewwel Qorti hi tal-fehma li din il-pretensjoni tar-rikorrent mhiex fondata u dan għall-istess raġunijiet mogħtija mill-ewwel Qorti. In fatti jidher li d-dispost ta' l-artikolu 40(2) tal-Kostituzzjoni huwa dirett biex f'kawżi mibdija quddiem Qorti jiġi osservat il-prinċipju tal-*"Fair Hearing"* fi żmien raġonevoli u ma jikkonċernax id-dritt ta' azzjoni *ut sic* bħal fil-każ preżenti. Issa l-każ preżenti jirrigwarda azzjonijiet li ma jistgħux jiġu eżerċitati;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-appell inċidentali tal-Perit Joseph Barbara u billi tiċħad ukoll l-appell prinċipali ta' l-Onorevoli Prim Ministri in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta u billi tikkonferma s-sentenza appellata mogħtija mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla, fl-ismijiet premessi fl-4 ta' Ġunju, 1985;

L-ispejjeż ta' l-appell prinċipali għandhom jiġu sopportati mill-intimat appellant u dawk ta' l-appell inċidentali mir-rikorrent appellat.